ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

---

**Minuti tal-448 laqgħa tal-Kunsill li saret**
**nhar it-Tnejn 27 ta' April, 2015**

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija b'talba. Fin-nuqqas tas-Sindku, il-Viċi-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu l-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Vella, is-Sinjura Anna Calleja, , is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) u s-Sur John J Pace.

Is-Sur Joseph Agius daħal għal-laqgħa fis-6.20 ta' filgħaxija.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil daħlet għal-laqgħa fis-6.50 ta' filgħaxija.

Inqraw ittri ta' skuża mibgħuta mis-Sindku u mis-Sur Mark Grech fejn talbu li jiġu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Jospeh Vella, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici u s-Sur Mark Grech jiġu skużati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-447 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici.

Item 3 – Punti li joħorġu mill-Minuti

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kinitx saret it-talba lil Transport Malta sabiex tiġi spustjata z-*zebra crossing* minn Triq Bajada, kif ukoll jekk saritx it-talba lil Transport Malta sabiex isiru *pelican lights* maz-*zebra crossing* ta' Triq Labour fil-viċinanzi ta' Triq il-Vittorja. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din it-talba kienet saret lil Transport Malta.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kinitx saret it-talba sabiex jiġi rranġat ħajt perikoluż li hemm fi Triq Bieb is-Sultan. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din it-talba saret lill-Ispettur tal-Pulizija tad-Distrett.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx sar it-*traffic management* bil-għan li jsiru *stop signs* fi Triq Santa Duminka, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq l-Iskola, Triq il-Karmnu u Triq Lia. Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) qal li kienet qed tinġabar l-informazzjoni f'dan ir-rigward.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi l-*bus shelter* ta' Triq il-Mina ta' Ħompesch kien għadu mitfi.

Is-Sur Joseph Bonnici reġa' talab sabiex issir laqgħa mal-kumpanija *Environmental Landscapes Consortium Ltd*, il-kumpanija responsabbli mix-xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ ta' *soft areas* f'Ħaż-Żabbar, minħabba telqa kbira li hemm fis-*soft areas* speċjalment fil-*Housing Estate*. Is-Segretarju qal li din il-laqgħa ġiet mitluba u ser issir fil-ġranet li ġejjin.

Is-Sur Joseph Bonnici reġa' talab sabiex titwaħħal tabella fi Triq l-10 ta' Settembru li tindika d-direzzjoni għas-sewwieqa ħerġin mill-Qasam tad-Djar.

Is-Sur Joseph Bonnici semma wkoll il-ħtieġa li jiġi rranġat ħajt perikoluż li hemm fi Triq Bieb is-Sultan.

Is-Sur Joseph Bonnici staqsa jekk kinitx saret it-talba sabiex issir *zebra crossing* ġdida fi Triq Bormla fil-viċinanzi ta' Triq tal-Labour.

Is-Sur Buttigieg tkellem dwar is-sejħa pubblika għall-ġbir ta' skart goff u dwar l-eżerċizzju li sar fejn ġie stabbilit in-numru ta' oġġetti li l-Kunsill jiġbor mingħand il-pubbliku. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Vella, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ sejħa ġdida għall-offerti u fil-*bill of quantities* jintalab il-prezz għall-ġbir ta' *item* wieħed, għall-ġbir ta' żewġ *items*, għall-ġbir ta' tlett *items* u għall-ġbir ta' erba' *items* biex l-aġġudikazzjoni tal-offerti ikunu ibbazati bil-perċentwali kif ġej: ġbir ta' *item* wieħed 40%, ġbir ta' żewġ *items* 25%, ġbir ta' tlett *items* 15% u ġbir ta' erba' *items* 20 %.

<u>Item 4 - Qari tal-Minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitati.

<u>Item 6 - Skeda ta' Pagamenti</u>

Fis-6.20 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Agius daħal għal-laqgħa.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-24 ta' Marzu 2015 u s-27 ta' April 2015 li kienet tammonta għal €49,169.45.

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Marzu 2015 li kien jammonta għal €78.18.

<u>Item 5 - Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ sabiex jiġi organizzat kunċert b'kollaborazzjoni mal-Kunsill bil-mużika tal-films tal-gwerra. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li din il-korrispondenza tiġi diskussa bejn is-Sindku u rappreżentant tas-soċjetà.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsilli Lokali ntalbu jagħtu sehemhom bil-għan li jitqassmu *cards* sabiex jintużaw mill-passiġġieri tat-trasport pubbliku. Il-kalkolu tal-ħlas amministrattiv għat-tqassim tal-*cards* għall-Kunsill ta' Ħaż-Zabbar jammonta għal €110.

Inqrat *memo* 27/2014 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar għajnuna finanzjarja li ser tingħata lill-Kunsill mill-iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali 2014-2015. Minn din l-iskema l-Kunsill ser jibbenefika l-ammont ta' €4,000 għall-attivita` *Zabbar Arts and Cultural Fetival Activity* li ser issir fit-18 ta' Lulju 2015.

Is-Sur Joseph Vella qal illi għal din l-attività l-Kunsill kien ser iġib għajnuna finanzjarja ta' €10,000 minn fond tal-Pjazza Teatru Rjal u €5,000 mill-V18.

Inqraw ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Darren Zammit dwar inċident li allegatament kellu fi Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fejn talab kumpens ta' €338.00 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ dwar seduta li ser issir b'konnessjoni mat-talba għall-ħlas li qed issir mill-kumpanija Gasan Mamo Insurance Limited hekk kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha s-Sur Emanuel Magro relatata mal-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu fi Triq Ħas-Sajjied.

Inqraw ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Marvik Borg dwar inċident li allegatament kellu fi Triq San Leonardu k/m Triq San Anard, Ħaż-Żabbar fejn talab kumpens ta' €645.12 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tal-Vici-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Etienne Zahra, Segretarju Ġenerali tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp fejn talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jinħaraq nar mill-inħawi magħrufa bħala tal-Fatah fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Joseph Agius (is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni li jinħaraq in-nar sakemm ma jkunx ta' nkonvenjent għar-residenti, ta' ħsara għas-swar u li jingħata l-permess mill-awtoritajiet kompetenti fosthom il-pulizija.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari għall-Presidenza 2017 dwar il-Miżuri 125. Permezz ta' din il-miżura se jsiru xogħlijiet li jinkludu tindif ġenerali kif ukoll kisi mill-ġdid ta' toroq f'Ħaż-Żabbar.

Inqrat ittra mibgħuta mill-Għaqda Maltija tal-Ortikultura dwar wirja annwali li ser issir nhar is-Sibt 2 u l-Ħadd 3 ta' Mejju fil-ġonna u f'parti mill-Palazz ta' San Anton. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa permezz ta' arranġament tal-fjuri f'din il-wirja annwali tal-Ortikultura.

Fis-6.50 ta' filgħaxija l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Katrin Busuttil daħlet għal-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-*Ombudsman* dwar inċident li allegatament kien seħħ lis-Sur Joseph Mifsud meta kien fil-vettura tiegħu fi Triq Bormla. Il-Kunsill ġie nfurmat illi kawża simili fi triq arterjali ġiet deċiża illi r-responsabbiltà taqgħa fuq Transport Malta u mhux fuq il-Kunsill u għalhekk l-*Ombudsman* kien ser jagħlaq il-każ.

Item 8 - Approvazzjoni ta' Aġġustamenti għall-*Financial Statements*

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Statements* għas-sena 2014 kif emendati.

Item 9 - Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet għal-xiri ta' *photocopier* professjonali (ZLC 1/2015)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill tlett kwotazzjonijiet sottomessi li ġew mitfugħa għax-xiri ta' *photocopier*.

| **Kuntrattur** | **Prezz** |
|---|---|
| SG Solutions | €1,152 |
| We Printing | €1,760 *Option A* u €2,249 *Option B* |
| Strand Electronics | €1,062 *Option A* u €1,994 *Option B* |

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar kumitat ta' evalwazzjoni kompost mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Mark Grech, mis-Sur Brian Spiteri u mis-Sur Joseph Buttigieg sabiex jsiru l-evalwazzjoni tal-kwotazzjonijiet qabel tittieħed deċiżjoni finali mill-Kunsill.

Item 10 - Komunikazzjoni mis-Sindku u mill-Kunsillieri

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li ssir *portable bollard* fi Sqaq Sidtna tal-Mirakli.

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li titneħħa *reserved parking bay* li hemm fi Triq G Agius Muscat peress illi l-persuna li kellha dan il-parkeġġ riservat kienet mietet.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimement li jagħmel talba lil *Transport Malta* sabiex issir *common reserved bay* oħra għal persuni b'diżabilità fil-viċinanzi tal-knisja.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isir *bin* tal-klieb fi Triq ix-Xgħajra Sqaq Numru 1.

Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li tiġi rranġata r-rampa li hemm fi Sqaq Sidtna tal-Mirakli peress illi kien qed ikun hemm problema bl-ilma tax-xita.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isir tindif fis-*soft area* li hemm fi Pjazza Alofju Wignacourt.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li ssir talba lil Transport Malta u jiġu rranġati s-*central strips* fi Triq Villabate faċċata ta' Triq Sant Antnin u minflok ikun hemm żewġ karreġġati issir karreġġata waħda sabiex titnaqqas il-konġestjoni ta' traffiku.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex iz-*zebra crossing* li hemm fi Triq tal-Labour fil-viċinanzi ta' Triq Melita issir *pelican crossing.*

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani fil-21 ta' Mejju fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil qalet li jekk jiġi organizzat Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ fis-Sajf hija kienet lesta li tipparteċipa kif ukoll kienet lesta li tħeġġeġ liż-żgħażagħ jipparteċipaw.

Is-Sur Joseph Vella qal illi l-*wi-fi* tal-Kunsill ma kienx qed jaħdem u talab li l-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni tintalab tirranġa dan is-servizz.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet meta kien ser jinbeda x-xogħol fi Ġnien il-Kunsill. Is-Segretarju qal illi l-Perit tal-Kunsill kien qiegħed jaħdem fuq l-i*specifications* tal-kuntratt sabiex imbagħad tinħareġ it-*tender*.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni kif ukoll xogħol ta' tindif fil-bandli tal-*Housing Estate* peress illi kien jinstab fi stat ta' telqa.

Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi fix-xahar ta' Lulju kienu ser isiru taħdidiet pubbliċi organizzati mill-*Primary Health Care* bit-temi jkunu *Breast Screening* u *Maintaining a Health Way*.

Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza *talks* oħra dwar is-saħħa organizzata mill-*Primary Health Care* matul il-ħinijiet ta' filgħaxija u jħallas l-ammont ta' €25 bħala *fee* għal dawn l-inizjattivi fil-ħinijiet ta' filgħaxija għal dawk il-persuni li jaħdmu.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza *talk* dwar *Breast Awareness* matul il-*Health Fest* li ser jiġi organizzat fl-10 ta' Mejju 2015.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fil-11 ta' Ġunju, 2015 bejn l-10.15 u l-11.15 ta' filgħodu kienet ser tiġi organizzata *talk* għall-anzjani dwar *active ageing.*

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi fit-28 ta' April, 2015 kien ser jattendi laqgħa l-Wasteserv dwar l-immaniġġjar tal-iskart.

Is-Sur Joseph Agius qal illi kienet saret laqgħa ma' uffiċjal tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ u ma' persuna b'diżabilità sabiex tkun tista' ssib xogħol. Is-Sur Agius qal illi kien ser jerġa' jiltaqa' mar-rappreżentanta tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ peress illi kien ġie avviċinat minn persuna oħra b'diżabilità li tixtieq taħdem.

Is-Sur Joseph Agius qal illi fil-ġranet li ġejjin kienet ser toħroġ skema dwar restawr ta' postijiet storiċi.

Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill jimxix ma' *memo* 6/2015 dwar depożitar tal-flus. Is-Segretarju wieġbu fil-pożittiv.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jinqata' ħaxix ħażin li hemm fi Triq il-Kaħwiela.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex il-Kunsill iressaq talba lill-Kunsill Lokali Kalkara u l-irħama li tfakkar dawk li mietu fil-gwerra li hemm qrib iż-żona ta' St Peter konfini tal-Kalkara titneħħa u ssir f'post iktar prominenti.

Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi kienet ġiet imressqa lampa fi Triq l-Iskola u konsegwenza t' hekk kien hemm nuqqas ta' dawl.

Is-Sur Joseph Vella qal li s-Sindku kien ikkomunika miegħu u qallu li l-impjegata s-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto kienet infurmatu li kellha l-ħsieb li tibda mpjieg ieħor.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li f'każ illi l-impjegata, is-Sinjura Isabella Testaferrata de Noto, titfa' r-riżenja tagħha, il-Kunsill jiltaqa' biex jiddeċiedi li jkun jista' jkompli bis-sejħa għal *Assistant Principal Officer* (skala 11) u tinħareġ vakanza għal skrivan/a (skala 15) b'mod immedjat.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi filwaqt li l-Kunsill diġa għandu l-permessi kollha sabiex tinħareġ is-sejħa għal *Assistant Principal Officer,* sa llum il-Kunsill għad m'għandu l-ebda riżenja minn xi impjegata.

Is-Sur Joseph Vella qal illi għall-attivita' *Agri-Health Fest* li ser tiġi organizzata mill-Kunsill fl-10 ta' Mejju, 2015 mhux ser ikun hemm involuti spejjeż ta' loġistika. Is-Sur Vella qal illi l-ispiża relatata ma' din l-attività ser tkun ta' madwar €1,000. Fuq proposta tas-Sur Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (is-Sway) il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata l-attività.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) talab sabiex jiġu rranġati l-*parking bays l*i hemm fi Triq Profs JG Baldacchino.

Is-Sur John J Pace talab sabiex il-ħajt li qed jiġi rranġat fi Triq tal-Labour ma jsirx għola minn żewġ filati u dan sabiex ma titgħattiex il-veduta li hemm.  Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) qal illi jidher li minflok ħajt kien ser isir ħadid u għalhekk il-veduta ma kienetx ser titgħatta.

Item 9 – Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-7.40 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju, 2015.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv
Dawn il-minuti ġew approvati fl-450 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju, 2015.

Domenic Agius
Viċi Sindku